MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Talba Numru. 463/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. (C-5553) bhala assikuratrici ta' Isabelle Muscat**

**vs**

**Joe Vella ghan-nom u in rappresentanza tal-Kooperativa Northern Cleaning Co-Operative Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u erbghin lira Maltija tnejn u sittin centezmu (Lm244.62), rapprezentanti danni kagunati waqt incident fejn skip appartenenti lis-socjeta` konvenuta ikkagunat hsara fuq vettura proprjeta` ta' Diane Muscat.**
**Inoltre din is-somma tinkludi l-valur ta' survey report kif ukoll « excess » imhallsa ghal fini ta' din il-kawza.**

**Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjenti fil-pagament.**
**Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali prezentata fis-7 t'Ottubru, 2004, u bl-imghaxijiet mid-data tal-incident.**

**Ra r-risposta tal-konvenut noe prezentata fil-25 ta' Mejju, 2005, fejn intqal :**
**i. Preliminarjament, ikun rilevat illi Joe Vella ma jirraprezentax il-ko-operativa konvenuta.**
**ii. L-allegat incident, kemm il-darba sehh, ma kienx responsabilita` tal-ko-operattiva konvenuta, u ghaldaqstant ma tistax tkun responsabbli ghal danni jew hsarat li setghu gew kagunati minn terzi.**

**Semgha x-xhieda ta' Isabelle Muscat, Diane Muscat, Caroline Fenech, Edward Pace Balzan, Kurt Guillaumier u Joe Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda danni fil-vettura tal-attrici, allegatament kagunati minn skipp proprjeta` tas-socjeta` konvenuta.**
**2. Il-konvenut qed jghid illi hu wahdu ma jirrapprezentax il Ko-operattiva konvenuta, apparti li l-allegat incident ma kienx responsabilita` ta` l-istess Ko-operattiva.**
**3. Dwar l-ewwel eccezzjoni, it Tribunal fis-seduta ta` 30 ta` Gunju 2005, ordna lill-istess konvenut itella ix-xhieda fir-rigward, u fin-nuqqas jigi kkunsidrat illi rrinunzja ghal din l-eccezzjoni. Fil-fatt ma ngiebux provi fir-rigward.**
**4. Skond ir-*road accident report* Dok.MSI1, Diana Muscat qalet li waqt li kienet ghaddejja minn Naxxar Road, San Gwann, rahat haga sewda miexja lejha, li kient skipp illi dahlet go fiha.**
**5. L-istess Diana Muscat, fid-depozizzjoni taghha tghid li fid-19 ta` Novembru 2003, waqt li ghaddejjha minn San Gwann fid-direzzjoni ta` Pembroke rahat**

***skip*** **miexja lejha, ippruvat tevitha pero` dahlu f`xulxin. L-iskip laqtitha fil-genb tax-xellug. Hija tghid ukoll li t-temp kien normail u l-anqas ma kien ir-rih. Pero` kien id-dlam.**
**6. Caroline Fenech, passiggiera ma' Diana Muscat, tikkonferma dak li qalet l-istess Muscat. Tghid ukoll illi l-ghada tal-incident cemplet lill-Kunsill Lokali ta`San Gwann fejn kellmet lis-Sindku, li qalilha li ser ikellem lill-kumpanija responsabbli. Wara s-Sindku cemplilha u qalilha illi kien vera illi l-iskip iccaqlaq minn postu u illi il-manager tal-ko-operattiva kien qallu biex issir** ***claim*****.**
**7. Jirrizulta mid-Dok.FIB3 illi l-kuntrattur ghandu jkollu polza ta` assigurazzjoni biex ikopri ukoll danni ta` terzi anki fil-proprjeta` (art.19A).**
**8. Kurt Guillaumier sindku ta` San Gwann jikkonferma illi meta nghatat il-kuntratt is-socjeta` konvenuta kienet marbuta b'din il-klawsola. Is-Sindku spjega illi l-iskip ghanda** ***lock*** **biex tibblokka ir-roti, u ghalhekk, skond hu, xi hadd nehha il-soqra u l-iskip iccaqalqet.**
**9. Tenut kont ta` dak li intqal, ma ngiebetx prova cara illi xi hadd baghbas il-*****lock*****. Li jirrizulta hu li l-iskipp iccaqalqet, mxiet, habtet mal-karozza tal-attrici u ikkagunatilha danni. Fic-cirkostanzi hi s-socjeta` konvenuta li ghanda tigi ritenuta responsabbli ghad-danni, liema danni jirrizultaw ippruvati skond id-Dok.MSI, MSI 2 sa MSI 4, u dana fl-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kienet tahti unikament is-socjeta` konveuta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lis-socjeta konvenuta unikament responsabbli ghall-incident** ***de quo*****, u jikkundannaha thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin lira Maltija u tnejn u sittin centezmi (Lm244.62) bl-imghax legali dekkoribbli mis-7 ta` Ottubru 2004.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------